# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 94/2022 BS**

**Donald Theuma Scerri f'ismu propju u għan-nom u fl-interess ta' ibnu minuri Kurt Theuma Scerri kif ukoll Miriam Theuma Scerri għal kull interess li jista' jkollha**

**-vs-**

**Direttur Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

ILLI l-kunjom tal-attur hekk kif jirriżulta kemm mill-Att tat-Twelid kif ukoll mill-Att taż-Żwieġ tiegħu hawn anness u [m]markat bħala Dokument A u Dokument Al huwa Xerri;

ILLI hekk kif jirriżulta mid-diversi dokumenti uffiċċjali [sic] li hawn annessi u [m]markati Dokument B sa Dokument I, l-istess rikorrenti kien dejjem magħruf bil-kunjom Scerri miktub bl-ittri SC u mhux X;

ILLI jirriżulta għalhekk illi fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tiegħu hawn anness jeżisti żball tal-ortografija u dana peress illi l-kunjom li dejjem ingħata u [i]ntuza mill-istess attur huwa Theuma Scerri u mhux Theuma Xerri;

ILLI jirriżulta li dana huwa żball ċar li però qed iwassal għal problemi fil-ħajja ta' kuljum, inkluż fil-ħajja lavorattiva għall-istess Donald Theuma Scerri;

ILLI saħansitra, isem iben l-attur tniżżel skorretement bħala Theuma Xerri meta fir-realtà l-istess attur sa minn dejjem kien magħruf bil-kunjom Theuma Scerri u dan if jidher fid-dokument J.

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

- Tordna il-korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu bin-numru progressiv sitta u tletin sbarra [sic] elf disgħa [sic] mija u ħamsa u sebgħin (36/1975) billi fil-linja L-Omm jitranġa l-kliem w*ife of the said Vincent Theuma Xerri* billi jinbidel sabiex jingħad li w*ife of the said Vincent Theuma Scerri*

kif ukoll sabiex fil-linja Signature of the person making the declaration il-firma taqra *Vincent Theuma* Scerri flok *Vincent Theuma Xerri*;

- Tordna il-korrezzjoni fiċ-ċertifikat taż-żwieġ bin-numru progressiv tnejn u sebgħin sbarra [sic] elf [sic] u erbgħa (72/2004) billi fil-linja Isem u Konjom – Tagħrif dwar ir-Raġel jitranġa l-kliem *Donald Theuma Xerri* billi jinbidel sabiex jibda jaqra li *Donald Theuma Scerri* u dana sabiex l-istess kunjom jiġi jaqra bl-isem mod li hemm fuq l-istess ċertifikat fejn jingħad *Firma tar-Ragel* u in linea mal-firma tax-xhud li huwa hu l-attur David Theuma Scerri;

- Tordna il-korrezzjoni fiċ-ċertifikat tat-twelid ta' binhom minuri Kurt Theuma Scerri bin-numru progressiv wieħed u sebgħin sbarra [sic] elfejn u għaxra (71/2010) billi:

  (i) fil-linja Isem il-Wild jitranġa l-kliem *Kurt Theuma Xerri* billi jinbidel sabiex jinghad li *Kurt Theuma* ***Scerri***;

  (ii) Isem u Kunjom il-Missier jibda jaqra *Donald Theuma Xerri* billi jinbidel sabiex jibda jaqra li *Donald Theuma* ***Scerri***;

  (iii) Isem u Kunjom l-Omm flok *Miriam Theuma Xerri* billi jinbidel sabiex jibda jaqra li M*iriam Theuma* ***Scerri***

u dan sabiex jiġu evitati kumplikazzjonijiet legali li jistgħu jinqalgħu aktar 'l quddiem minħabba din l-iskorettezza;

Bl-ispejjes [sic] u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti [i]nġunt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur Reġistru Publiku għal Għawdex illi eċċepixxa:**

1. ILLI *in limine litis* huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata [sic] qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. ILLI bla preġudizzju, l-esponent jirrileva illi l-ebda talba tar-rikorrenti ma tista' tiġi milqugħa, stante li r-rikorrenti ma jistgħax [sic] jitlob għall-korrezzjoni u dan għaliex ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid u tal-Att taż-Żwieġ tar-rikorrent Donald Theuma Xerri kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Illi infatti l-att tat-twelid tiegħu jirrifletti u sar a bażi taċ-ċertifikati preċedenti tal-familja tiegħu, ċjoè a bażi taċ-ċertifikat tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti Vincent Theuma Xerri numru sitt mija u tlieta u tmenin tas-sena elf disa' mija u ħamsa u erbgħin (683/1945) (kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRP1'), a bażi taċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' missier tar-rikorrenti, ċjoè ta' Vincent Theuma Xerri bin-numru mitejn u tlettax tas-sena elf disa' mija u erbgħa u sebgħin (213/1974) (kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRP 2'), u a bażi taċ-ċertifikat taż-żwieġ tan-nanniet tar-rikorrenti ċjoè ta' George Tewma u Concetta nee' Xerri numru sebgħa u tletin tas-sena elf disa' mija u tlieta u erbgħin (37/1943)

(kopja annessa u mmarkata Dok. 'DRP3'), li joħroġ li l-kunjom tal-familja kien Theuma u inqaleb [sic] għal Theuma Xerri. Illi, ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni, jsegwi [sic] li l-ebda bidla jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att ta' l-istat ċivili [sic] skond [sic] id-dettami ta' l-**Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** [sic]. Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti msejsin kif inhuma fuq il-korrezzjoni ma jistgħux jiġu milqugħa;

3. ILLI madanakollu, bla preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti lanqas ma jista' jitlob l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tiegħu jiġu mibdula b'mod li jinkwadraw ruħhom taħt il-parametri msemmija fl-**Artikolu 253 (2**) **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan qiegħed jiġi rilevat stante li l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** tagħti l-fakultà sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, f'każ fejn persuna jġib il-provi meħtieġa, tawtorizza annotazzjoni fuq **l-att tat-twelid** rispettiv sabiex tali persuna tista' tiġi magħrufa **b'isem ieħor**, **u mhux b'kunjom ieħor**. Illi l-esponent itenni illi r-rikorrenti intavola l-azzjoni tiegħu sabiex ibiddel l-**kunjom tiegħu u mhux isimu** [sic] minn fuq l-Att tat-twelid u anke minn fuq **l-Att taż-Żwieġ** tiegħu meta dan is-sub-artikolu (2) huwa limitat biss għal bdil fl-atti tat-twelid;

4. ILLI subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni

huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

5. ILLI bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent [sic] u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. SALV eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

**Il-Qorti;**

Fliet l-atti kollha inkluż id-dokumenti esibiti;

Rat li fis-seduta tat-12 ta' Ottubru, il-partijiet infurmaw lill-Qorti li l-kawża tista' tiġi differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

**Preliminari.**

Permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob illi kunjomu miktub "Xerri" jiġi mibdul għal "Scerri".

Il-konvenut Direttur jisħaq illi t-talba tal-attur ma tistax tiġi milqugħa billi mhux permess tibdil fil-kunjom. Jinsisti illi anke wara riċerka effetwata jirriżulta li missier l-attur kunjomu kien miktub Xerri. Jgħid li fid-dokumenti u ċertifikat preċedenti tal-familja tal-attur il-kunjom huwa mniżżel "Xerri".

**Ikkunsidrat:**

Rigward it-talba għall-korrezzjoni fil-kunjom din it-talba qed issir ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti d-dritt lil kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Illi għandu jingħad li l-Artikolu 253(1) u (2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jippermettu, taħt ċerti ċirkostanzi, il-bdil ta' isem ta' persuna.

Mill-banda l-ohra l-korrezzjoni ta' kunjom hija aktar imprekattiva legalment għax tista' ssir biss jekk jirriżulta li kien hemm żball f'dak il-kunjom kif reġistrat. Fil-fatt il-Qrati Maltin fid-deċiżjonijiet tagħhom dejjem żammew riġidi fil-każ ta' korrezzjoni fil-kunjom. Tant hu hekk illi il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi[1] :

*"… Ghal din it-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma oggezzjonax u fil-fatt inghata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li jitlob l-attur jista' jiġi milqugh, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tiegħu m'huwiex se jiġi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li ghandhom terzi persuni zgur se jkunu mharsin. Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-*

[1] John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Appell, 2 ta' Marzu, 1994.

*Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma' certu ndividwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien proprju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, il-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jiġi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti nfatti qalet hekk:- "Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato".*

Il-konklużjoni illi tinstilet minn din id-deċiżjoni hija għalhekk, illi l-interess tad-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fi proċeduri bħal dawn huwa li jipproteġi l-interess ta' terzi jew aħjar l-interess pubbliku. Loġikament għalhekk jekk mill-provi jirriżulta illi l-interess imsemmi ma jkunx ser jiġi leż, ma għandux ikun hemm oġġezzjoni għat-talba tal-attur li jitlob il-korrezzjoni ta' kunjomu però sakemm din it-talba ma tkunx qed issir b'kapriċċ, f'liema każ dik it-talba ma tistax tiġi akkolta.

Mill-fatti kif jirriżultaw fil-każ odjern, id-Direttur konvenut qed joġġezzjona għat-talba tal-attur billi mid-dokumenti ppreżentati mill-attur innifsu ċjoè fl-att tat-twelid kif ukoll fl-att taż-żwieġ tal-attur il-kunjom dejjem inkiteb "Xerri". L-istess jingħad għal kunjom kif miktub fiċ-ċertifikat tat-twelid u ċ-ċertifikat taż-żwieġ ta' missier l-attur, kif ukoll għal dak rifless fiċ-ċertifikat taż-żwieġ tan-nanniet tiegħu.

Fil-każ li għandha quddiemha llum din il-Qorti, l-attur ma hux qed jitlob korrezzjoni sabiex kunjomu jiġi konformi ma' dak ta missieru u n-nanniet. Kieku t-talba tiegħu kellha tiġi milqugħa l-kunjom tal-attur ikun miktub differenti minn dak tal-predeċessuri tiegħu.

Huwa minnu wkoll li fid-dokumenti maħruġa minn entitajiet ċivili kunjom l-attur huwa mikteb "Scerri", madankollu din ma hix prova biżżejjed li twassal lil din il-Qorti sabiex tilqa' t-talba. Sabiex il-Qorti tordna tibdil fil-kunjom jrid jiġi muri illi fiċ-ċertifikati tal-antenati ta' min jagħmel il-kawża l-kunjom ikun hekk kif mitlub li jinbidel. Fil-każ tal-lum l-attur jrid jitbiegħed mill-mod kif il-kunjom tal-familja sal-lum ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tosserva illi l-ħsieb tal-leġislatur rifless fil-liġi huwa li tibdil fil-kunjom għandu jinżamm ristrett u dan huwa infatti l-eżerċizzju li qed tagħmel din il-Qorti. Infatti l-Qorti ttenni li skont il-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati, talba għall-korrezzjoni fil-kunjom ta' individwu għandha tiġi trattata b'ċirkospezzjoni kbira mill-Qorti u m'għandhiex tiġi faċilment milqugħa.

Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Joseph Naudi v. Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku[2] *"Illi l-fatt wahdu li persuna jaghzel kunjom u jibda juzaha ma jfissirx li b'hekk tali ghazla bilfors ghandha tinghata rikonoxximent legali semplicement ghaliex holoq stat ta' fatt gdid u kunjom gdid."*

[2] Deċiża Prim'Awla, fil-15 ta' Ottubru, 2015.

Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li t-talbiet tal-attur ma humiex ġustifikati u għalhekk ser tgħaddi sabiex tiċħadhom.

**Decide:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u l-motivi ġa espressi din il-Qorti qed tiċħad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sopportati interament mill-attur.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur